FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 T' APRIL, 2002**

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 484/01 JB**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**vs**

**Maria Spiteri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm655.00c (sitt mija u hamsa u hamsin lira Maltija) rappresantanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha u/jew lil mejjet zewgha Joseph Spiteri, fl-istabiliment minnhom gestit bl-isem ta' "Priscilla Store".

Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar konsenja fid-29 ta' Jannar 1999, u bl-ispejjez legali, komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati 3 ta' Gunju 1999 u tas-7 ta' Mejju 2001, u tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju 1999 kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil Dr Simon Galea Testaferrata jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm 655.00c (sitt mija u hamsa u hamsin lira Maltija) prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha u/jew lil zewgha Joseph Spiteri, fl-istabiliment minnhom gestit bl-isem ta' "Priscilla Store".

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**